# Kunsill Reġjonali Lvant

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 7

L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7

Il-Ġimgħa 20 ta' Mejju, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sra. Yvonne Sciberras – Viċi Sindku Iklin
Dott. Albert Butigieg – Sindku San Ġiljan
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija (onlajn)
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira (onlajn)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI

Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

7.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, sabiex jinfurmana li ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

7.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittri ta' apoloġiji mressqa.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.2 Il-Minuti tas-Seduta numru 5 li saret nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2022 u l-minuti tas-seduta numru 6 li saret b'urġenza nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2022 kienu meħuda bħala moqrija.

7.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sinjura Helen Gauci u sekondati mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai.

## 7.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Bord fuq il-Fondi u l-Finanzi tar-Reġjun*

7.3.1 Il-President informa lil-membri dwar il-board ta' Finanzi, li iltaqgħu mal-Vici President, Maximillian Zammit, Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Jeanette Galea, nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju 2022.

7.3.2 Il-President spjega kif dan il-bord ħares lejn is-sitwazzjoni finanzjarja tar-Reġjun u elenkaw lista ta' proġetti li jistgħu jinżammu b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali. Hu spjega kif l-ewwel kollaborazzjoni għandha tkun flimkien ma' l-għaqdiet fil-lokalità fejn dawk il-Kunsilli Lokali b'ħames Kunsilliera - €2,000; 4 Kunsill Lokali b'5 Kunsilliera - €2,500; u 2 Kunsill Lokali b'5 Kunsilliera - €3,000

7.3.3 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Magaret Baldacchino Cefai, espremiet dwar kif l-iskema m'għandiex tkun abbinata mad-daqs tal-lokalità. Madanakollu, il-President spjega li dawn huma imqasmin skont kemm hemm Kunsilliera.

7.3.4 Il-President kompla jispjega kif it-tieni kollaborazzjoni għandha tkun relatata ma' proġetti kulturali, sports u mużika fejn fiha tistà tiġi nkorportata Jum il-Lokal u anke baned tal-lokal.

7.3.5 Is-Sur Dalli żied jgħid kif fir-Reġjun preċedenti, l-ammont kien ta' €10,000 kull Kunsill Lokali, imma waqt il-laqgħa kien hemm approvazzjoni sabiex din tkun bl-ammont ta' €16,000 kull Kunsill Lokali u fiha tiġbor diversi affarijiet.

7.3.6 Il-President ressaq fuq il-mejda t-tielet kollaborazzjoni fejn il-proġett għandu jkun marbut ma' titjib fil-lokalità. Hu spjega kif kull Kunsill Lokali għandu sa mhux aktar minn €35,000 sabiex jutilizża fi proġett.

7.3.7 Il-President ressaq fuq il-mejda r-rabà u l-aħħar kollaborazzjoni fejn kull Kunsill Lokali jistà jgħamel użu minn €3,000 sabiex jixtri jew jikri għarmar għal żmien il-Milied 2022.

7.3.8 Dawn il-kollaborazzjonijiet ġew approvati mill-membri preżenti u kien hemm qbil sabiex dawn l-finanzi għandhom jiġu utiliżżati sa mhux aktar minn l-aħħar ta' Settembru 2022.

7.3.9 Il-President fakkar li dan ir-Reġjun huwa marbut max-xiri ta' l-A.E.D (Automated External Defibrillator) wara li r-Reġjun preċedenti kien marbut ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali permezz ta' sejħa pubblika li kienet inħarġet u li fil-preżent għadha mwaqfa minħabba appell.

7.3.10 Il-President żied jgħid ukoll li apparti dawn il-kollaborazzjonijiet, dan ir-Reġjun diġa approva diversi proġetti fuq bażi Reġjonali, fosthom il-proġett dwar bolol Reġjonali, *starter pack* għall-istudenti fl-ewwel sena tal-primarja, Regional Treasure Hunt – permezz ta' App fuq il-mowbajl kif ukoll passaport.

7.3.11 Is-Sindku ta' San Ġiljan, Dott. Albert Buttigieg, staqsa jekk l-iskola tal Musulmani li tinsab ġewwa San Ġiljan kinitx inkluża f'dan il-proġett.

7.3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota dwar dan u nfurmat lid-Dott. Buttigieg li ser tikkonferma ma' l-uffiċċju u tieħu ħsieb li dawn ikunu inkluża.

7.3.13 ***17:43pm - Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow wasal għal din il-laqgħa***

7.3.14 Is-Sur Chircop kompla jfakkar fuq proġetti Reġjonali oħra, fosthom l-ispejjeż relatati ma' 'Kisbiet Minsija' kif ukoll għal ħlas li jrid isir b'referenza għall-istudju li għandu jinżamm minn dan ir-Reġjun fl-ewwel sena tal-leġislatura (Social Impact Assessment).

7.4.15 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, talbet aġġornament dwar l-iskema finanzjarja li kienet ħarġet fir-Reġjun preċedenti sabiex il-paġni tal-Wikipedia jiġu aġġornata.

7.4.16 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Galea, infurmat lill-membri li pruvat iċċempel lill-persuna kkonċernata diversi drabi u anke bagħtet diversi emejls pero ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni lura.

7.4.17 Kien hemm qbil bejn il-membri biex nippruvaw nagħmlu l-aħħar tentattiv qabel ma navvinċaw lil ħaddieħor.

7.4.18 ***17:49pm - Is-Sindku ta' Swieqi, is-Sur Noel Muscat wasal għal din il-laqgħa.***

7.4.19 Tqajmet diskussjoni dwar dawn il-kollaborazzjonijiet ġodda bejn il-membri preżenti u kien hemm approvazzjoni b'mod unanimu.

7.4.20 Kien hemm qbil ukoll li dawn il-proġetti għandhom isiru sa mhux aktar tard minn Settembru 2022, bl-eċċezzjoni tal-proġett marbut mal-Milied.

7.4.21 ***18:05pm – is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba mpenji oħra.***

- *Laqgħa mill-Cleansing and Maintenance Department*

7.4.22 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li kellhom mad-Direttur Ġenerali tal-Cleansing and Maintenance Department, is-Sur Ramon Deguara, nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2022. Waqt din il laqgħa gie deċiż li jiġi ppreparat MoU ma' dan ir-Regjun sabiex il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun jingħataw servizz addizzjonali apparti dak li diġa huwa obligatorju mill-Kunsilli Lokali fil-preżent.

7.4.23 Is-Sur Chircop kompla jgħid kif permezz ta' dan il-ftehim, ser jitpoġġew bins addizzjonali f'żona ċentrali u tiġi mnaddfa u mbatla mill-istess Dipartiment. Apparti minn hekk, ser ikun hemm servizz ta' ħasil sa mhux aktar tard minn jumejn li tkun spiċċat il-festa.

7.4.24 Is-Sur Chircop spjega kif dan il-proġett qed jiġi kkordinat mill-Uffiċjal Maniġerjali mill-Waste Management, is-Sur Ryan Zammit, u ħeġġeġ lil dawn preżenti sabiex jaraw li l-informazzjoni meħtieġa dwar dan tingħata lis-Sur Zammit mill-aktar fis possibli.

7.4.25 Il-President qal ukoll kif dawk il-lokalitajiet li m'għandhomx festa jistgħu xorta waħda jgħamlu użu ta' dan is-servizz billi jintużaw għal xi avveniment li jkun ser jinżamm fil-lokalità.

- *Laqgħa mal-Ministru ta' l-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli*

7.5.26 B'referenza għal dan is-suġġett, il-President spjega kif inżammet laqgħa ma' l-Onor. Miriam Dalli nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju, fejn flimkien ma' l-Uffiċjal Maniġerjali fuq l-Ambjent, is-Sa. Andrea Borg Brincat, ġew ppreżentata proġetti ambjenti li għandhom isiru fuq livell Reġjonali.

7.5.27 Il-President spjega kif fil-ġranet li ġejjin il-Kunsilli Lokali għandhom jirċievu komunikazzjoni mingħand is-Sa Borg Brincat sabiex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa b'risq dawn il-proġetti.

## 7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

7.4.1 Il-President informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda komunikazzjoni mill-membri sabiex tiġi mressqa f'din il-laqgħa.

## 7.5 Rapporti

7.5.1 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 7.6 Sejħa fuq bazi Reġjonali għal Ġbir ta' Skart Domestiku.

7.6.1 Il-President xtaq jirringrazzja lil kull min attenda għall-laqgha li nżammet b'urġenza nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2022.

7.6.2 Il-President informa kif kull kumment u informazzjoni li pprovdew il-membri preżenti waqt din il-laqgħa ġew mgħoddija b'mod immedjat lid-Diviżjoni għal Gvern Lokali.

7.6.3 Is-Sur Chircop żied jġhid kif nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2022 filgħaxija dan ir-Reġjun ġie nfurmat dwar il-pubblikazzjoni tas-sejħa pubblika fuq is-sistema ta' l-EPPs, pero fakkar li hemm perjodu ta' 48 siegħa peress li l-ewwel ġiet ippublikata fuq livell internezzjonali.

7.6.4 Is-Sur Chircop qal kif is-Segretarju Eżekuttiv qed iżomm lil kulħadd aġġornat.

7.6.5 Il- President informa li dan it-tender ser ikun qed jagħlaq nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2022 u kulħadd ser jiġi nformat immedjatament jekk ikun hemm xi aġġornament relatat ma' din is-sejħa.

## 7.7 Uffiċċju Għal Kunsill Reġjonali Lvant

7.7.1 Il-President informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun bagħat emejl lill-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju 2022 sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jressqu suġġerimenti ta' siti li jkunu jafu bihom fil-lokalita' rispettiva tagħhom.

7.7.2 Il-President informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni waħda mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke fejn ġew irrakomandati żewġ siti - il- Bini ta' l-Arloġġ ta' Pembroke inkluż il-bini tal-madwar; u l-bini jew parti minnu li qabel kien jospita ex-Skola primarja Bice Mizzi Vassallo.

## 7.8 Vakanza għal Deputat Registratur u għal Clerk

- *Clerk*

7.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li r-Reġjun Lvant ma kien irċieva l-ebda applikazzjoni għas-sejħa interna fil-Kunsilli Lokali u Reġjonali u kif, għal din ir-raġuni, is-Sa. Jeanette Galea nfurmat lill-Jobsplus sabiex inkunu se ningħataw lista b'kandidati eleġibbli u li dawn għandhom ċans japplikaw sa nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju 2022.

7.8.2 Il-membri preżenti approvaw sabiex il-bord għal din is-sejħa jkun magħmul mill-President flimkien mas-Sindkuta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, u s-Sindku ta' San Ġiljan, Dott. Albert Buttigieg.

- *Uffiċjali Reġjonali*

7.8.3 Il-President informa lill-membri preżenti li l-persuna li ġiet magħżula sabiex tkun Uffiċjal Maniġerjali ghal-Proġetti m'aċċettax din il-pożizzjoni minħabba raġunijiet personali.

7.8.4 Il-President informa lill-membri li din it-tweġiba ġiet ikkomunikata mas-Sur Simon Agius sabiex tinħareġ sejħa oħra għal dawk il-pożizzjoni li għandhom vakanti.

## 7.9 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega.

- *Il-Kunsill Lokali ta' L-Imsida*

7.9.1 Is-Sur Chircop informa lil-membri preżenti li r-Reġjun irċieva emejl mingħand dan il-Kunsill sabiex jitolbu l-approvazzjoni tar-Reġjun biex issir applikazzjoni konġunta għall-Finanzjament taħt il-*Planning Development Fund* biex isir il-proġett ta' Estensjoni ta' l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali l-Imsida.

7.9.2 Il-membri preżenti approvaw dan il-proġett b'mod unanimu.

- *GSE Technologies*

7.9.3 Is-Sur Chircop informa lil-membri preżenti li nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2002, inżammet laqgħa ma' rappreżentati minn din il-kumpanija dwar *smart benches*.

7.9.4 Is-Sur Chircop spjega kif aktar informazzjoni ser tingħata aktar 'il quddiem.

- *European Region of Sports 2023*

7.9.5 Il-President xtaq ifakkar lil-membri preżenti dwar is-sitt delagati li kienu ser jaslu Malta minn nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju 2022 sal-Ħamis 26 ta' Mejju 2022 sabiex tiġi evalwata l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa fir-Reġjun preċedenti.

7.9.6 Il-President spjega li dan ir-Reġjun kien avviċinat mill-President preċedenti tar-Reġju Ċentru, is-Sur Michael Fenech Adami, fejn hu kien qed joffri l-assistenza tiegħu waqt li jkun hawn din id-delegzzjoni.

7.9.7 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni li ġiet preżentata mis-Sur Fenech Adami peress li hu kien l-persuna li ppreżenta din l-applikazzjoni fir-Reġjun preċedenti u ser ikun qed jippreżenta l-applikazzjoni waqt din iż-żjara.

7.9.8 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni għas-servizz li ser ikun marbat ma' din iż-żjara tad-delegazzjoni.

- *Laqgħa Annwali Reġjonali 2022*

7.9.9 Il-President għamel referenza għall-ewwel Laqgħa Annwali Reġjonali 2022 li ser tinżamm nhar is-Sibt 4 ta' Mejju 2022, u spjega kif għal din il-laqgħa ser ikunu preżenti wkoll is-Segretarju Parlamentari għal Gvern lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, kif ukoll il-Kelliem għall-oppożizzjoni, l-Onor. Darren Carabott.

*7.9.10* Is-Sur Chircop enfasizza fuq l-importanza li kull Sindku għandu jkun preżenti u lill-Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi sabiex jattendu wkoll.

7.9.11 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet neċessarji sabiex għal din il-laqgħa jkun hemm servizz ta' fotografu u servizz ta' *live streaming*.

7.9.12 Il-membri approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta.

- *Animal Society Seminar*

7.9.13 Il-President ressaq lil-membri preżenti illi ser jinżammu seminar nhar l-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2022 bejn l-10 ta' filgħodu u nofsinhar dwar Animal Society għal dawk li huma għal qalbhom l-annimali kif ukoll dawk li huma rreġistrati bħala cat feeders. Dan is-seminar ser jinżammu fil-Ġnien l-Indipendenza, tas-Sliema u ser ikun hemm nies esperti fuq is-suġġett sabiex tingħata l-informazzjoni meħtieġa.

7.9.14 Is-Sur Chircop ħeġġeġ lill-membri sabiex jieħdu ħsieb jibgħatu l-emejl ta' l-uffiċjal dwar dan lil dawk kollha li huma reġistrati kif ukoll sabiex il-Kunsillier responsabbli mill-ħarsien ta' l-annimali jkun preżenti wkoll.

- *M.S.C in Governance and the Diploma in Governance.*

7.9.15 Is-Sur Chircop informa lil-membri li Idea Accademy avviċinaw lil dan ir-Reġjun dwar il-korsijiet li ser jerġgħu joffru -M.S.C in Governance and the Diploma in Governance. Is-Sur Chircop qal li l-AKL infurmawhom li ser iħallsu persentaġġ u qed jistennew konferma mingħand id-DGL.

7.9.16 Il-membri ma sabux oġġezzjoni li jerġgħu joħorġu parti mir-rimborż sabiex jinkuraġġixxu kemm membri politiċi fi ħdan ir-Reġjun kif ukoll impjegati jkunu jistgħu japplikaw. Madanakollu ser nistennew mingħand Idea Academy sabiex jikkonfermawlna jekk id-DGL hux ser jgħatu rifużjoni bħas-sena preċedenti qabel ma jkun hemm approvazzjoni uffiċċjali.

- *Kera ta' l-Uffiċċju tat-Tribunal Lokali*

7.9.17 B'referenza għall-kuntratt tal-kera ta' dan l-uffiċċju, il-President informa lill-membri preżenti li l-kuntratt kien intemm f'Diċembru li għadha u bi żvista waqt il-bdil fir-Reġjun, din ma ġietx diskussa.

7.9.18 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni is-Sa. Galea nfurmat lill-avukat kif ukoll lis-sid dwar dan u qed jiġi ppreparat kuntratt ġdid.

7.9.19 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif sid il-kera qed jitlob li l-ammont jogħla bil-5%. Madandakollu hu spjega kif is-Sa Galea qed tivverifika dwar dan qabel ma dan ir-Reġjun jipproċedi.

- *Proġett 'Kisbiet Minsija'*

7.9.20 Il-President ifakkar lil membri nhar is-Sibt 21 ta' Mejju 2022 tinżamm it-tnedija uffiċjali tal-proġett 'Kisbiet Minsija' ġewwa The Imperial, tas-Sliema, fl-4:30pm.

- *Proġett 'Treasure Hunt'*

7.9.21 Is-Sur Chircop ppreżentata il-kwotazzjoni sabiex ikunu jistgħu jiġu ppublikati 600 passaport għal dan il-proġett. Kopja ta' dawn il-kwotazzjonijiet kienu ntbagħtu b'mod elettroniku qabel din il-laqgħa.

7.9.22 Il-membri preżenti approvaw din l-kwotazzjoni b'mod unanimu.

## 7.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

7.10.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

7.10.2 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa. Helen Gauci, sekondata mis-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 5A u 5B.

7.10.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 7.11 Mozzjonijiet

7.11.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 7.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

7.12.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2022.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju, 2022.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |